**NOMINA TAS-SA ANTONELLA GATT GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA EL SALVADOR**

-

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

El Salvador jaffaċċja diversi sfidi diplomatiċi, ekonomiċi u ta' sigurta' fost oħrajn. Dawn l-isfidi jirriżultaw minn allinjamenti ġeopolitiċi, politiċi ta' governanza, kwistjonijiet ta' sigurtà, u dipendenzi ekonomiċi. El Salvador jaffaċċja ukoll sfidi minħabba t-tibdil fil-klima.

Malta dejjem kienet attur newtrali filwaqt li għenet fit-twassil tal-paċi u l-istabbiltà. Malta tista' wkoll tgħin permezz tar-relazzjonijiet diplomatiċi eċċellenti li tgawdi madwar id-dinja, kif ukoll bl-iskambju ta' prattiċi tajbin.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

Ir-relazzjoni bejn Malta u El Salvador bħalissa hija limitata ħafna, b'hekk wieħed jara li hemm spazju u opportunità biex jinbnew relazzjonijiet diplomatiċi sodi fuq diversi livelli inkluż billi nesploraw kollaborazzjonijiet u sinerġi bejn iż-żewġ pajjiżi u reġjuni li jinsabu fihom. Fost oħrajn ser inkun qed naħdem fuq l-espansjoni tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi, skambju b'saħħtu ta' diplomazija kulturali, kollaborazzjoni fuq il-front edukattiv kif ukoll koperazzjoni reżiljenti fil-qasam tat-turiżmu, fost oħrajn.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Nemmen li l-esperjenza tiegħi fil-qasam diplomatiku u n-negozjar, il-kmand tajjeb tiegħi tal-lingwa Spanjola, kif ukoll l-isfond varjat tiegħi fis-servizz ċivili, ipoġġuni f'pożizzjoni ottimali biex ngħin fl-istabbiliment u l-bini ta' relazzjoni b'saħħitha ma' El Salvador. Minkejja li r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi s'issa kienet limitata, nemmen li hemm spazju għall-kollaborazzjoni qawwija fuq l-elementi komuni u l-interessi kondiviżi, li jistgħu jwasslu għal riżultati pożittivi f'diversi oqsma.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

Uħud mill-isfidi prinċipali jinkludu d-distanza ġeografika u konnettività, diverġenzi regolatorji, differenzi fil-mudell ta' governanza u diverġenza fl-istrutturi ekonomiċi. Minkejja li hemm kollaborazzjoni mar-reġjun, inkluż permezz ta' l-Ambaxxata ta' Malta fil-Brażil, r-relazzjoni bejn Malta u El Salvador hija limitata ħafna, fattur li wieħed jista' jikkunsidrah bħala

sfida. Madanakollhu, nemmen illi Malta ser tkun qed tibni relazzjoni b'saħħitha anki ma' dan il-pajjiż minkejja l-isfidi kurrenti. Nemmen illi l-esperjenza tiegħi fil-qasam diplomatiku kif ukoll l-għarfien tal-lingwa Spanjola ser ikunu qed jgħinu biex dan jitwettaq.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrapreżenta lil pajjiżna?

Iż-żewġ pajjiżi għandhom niċeċ ta' koperazzjoni varjati, inkluż il-pożizzjoni ġeografika strateġika tagħhom, l-importanza kbira tas-settur turistiku kif ukoll tas-settur marittimu li jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-pajjiż, l-isfidi relatati mal-bidla fil-klima, u d-dipendenza fuq il-kummerċ internazzjonali, fost oħrajn.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Malta u El Salvador għandhom potenzjal li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi fuq diversi binarji inkluż: l-espansjoni tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi fejn fost oħrajn is-settur farmaċewtiku b'saħħtu ta' Malta jista' jesporta mediċini u apparat mediku lejn El Salvador kif ukoll Malta tista' tippromwovi l-esperjenza tagħha fis-servizzi finanzjarji, inkluż *fintech*, *blockchain*, u servizzi bankarji, biex tgħin tiżviluppa s-settur finanzjarju ta' El Salvador. Min-naħa l-oħra, hemm opportunitajiet għal El Salvador biex jesporta kafè, prodotti agrikoli u t-tessuti filwaqt li jippromwovi t-turiżmu kulturali u ekoloġiku f'Malta filwaqt li jesporta artiġjanat magħmul bl-idejn. Bejn Malta u El Salvador hemm ukoll potenzjal għall-opportunitajiet ta'investiment u sħubijiet kummerċjali, sħubijiet fit-turiżmu u skambji kulturali għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll kollaborazzjoni marittima u tal-loġistika.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Għalissa l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi hija limitata ħafna u m'hemm l-ebda trattati fis-seħħ. Madankollu, Malta tista' tieħu din l-opportunità biex tibni relazzjoni soda bbażata fuq affarijiet komuni bejn iż-żewġ pajjiżi kif ukoll fuq trattati li El Salvador għandhu ma' l-Unjoni Ewropea, fost oħrajn.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Malta u El Salvador għandhom potenzjal għall-promozzjoni komuni tat-turiżmu u l-investiment fis-settur tal-ospitalità. Fost oħrajn tista' tiġi kkunsidrata kollaborazzjoni bejn il-linji ta' l-ajru possibilment fuq ftehim ta' *codeshare* jew rotot ta' transit li jgħaqqdu lil Malta u lil El Salvador permezz ta' *hubs* Ewropej jew Amerikani. Barra minn hekk, tista' ssir promozzjoni reċiproka li tipromwovi s-siti storiċi ta' Malta, il-postijiet ta' l-għadis ta' Malta u l-bajjiet tagħna, man-natura u t-turiżmu ta' avventura ta' El Salvador. Skambji oħra li jistgħu

jiġu kkunsidrati huma dawk kulturali, ta' l-edukazzjoni u l-lingwi, viżi għal nomadi diġitali u ta' l-ospitalita', fost oħrajn.

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

El Salvador huwa firmatarju tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u Koperazzjoni kif ukoll tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali, li huma l-bażi tar-relazzjoni ta' El Salvador ma' l-UE. Dawn iż-żewġ strumenti legali jiftħu l-bieb għal aktar koperazzjoni fuq diversi fronti bejn Malta u El Salvador, inkluż f'oqsma ekonomiċi, kummerċjali, soċjali, kulturali, edukattivi u ta' turiżmu.

10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Bejn Ottubru 2013 u Ġunju 2015, kont impjegata fis-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea (llum magħruf bħala d-Dipartiment tal-Koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea) fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej. Matul il-karriera tiegħi, ħdimt f'diversi karigi, fosthom bħala *Senior Policy Officer* (Relazzjonijiet Esterni) fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, bħala *Social Policy Attaché* fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (inkluż matul il-Presidenza ta' Malta fl-2017, fejn kont Chair tal-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali).

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

Bħalissa nokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali responsabbli mill-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, u għandi kuntratt ta' servizz mal-*Malta Foundation for the Wellbeing of Society*, fejn nikkordina proġett dwar is-sigurtà tat-tfal *online*. Dawn il-karigi m'humiex f'kunflitt mal-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal El Salvador u għandi l-ħin u l-flessibilità li jippermettuli li nkun effettiva bħala NRA, u għalhekk ser inkun qed inżomm dawn il-karigi.

12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

Le, dan m'huwiex il-każ.

13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

Le, dan m'huwiex il-każ.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal El Salvador?

Bħala Ambaxxatur mhux residenti, ser inkun qiegħda naġixxi bħala r-rappreżentant uffiċjali tal-Gvern Malti mal-Gvern ta' l-El Salvador sabiex insaħħu r-relazzjonijiet bilaterali billi nippromwovu kooperazzjoni politika, ekonomika, kummerċjali, kulturali u ta' sigurtà. Ser inkun qed naħdem fuq id-diplomazija tal-kummerċ u dik ekonomika billi fost oħrajn naħdem biex niffaċilita' opportunitajiet tan-negozju u l-investiment bejn iż-żewġ pajjiżi, nesploraw missjonijiet kummerċjali, fora ta' investiment, u netwerking tan-negozju. Ser nara li kumpaniji nazzjonali li qed ifittxu li jespandu fl-El Salvador jingħataw l-għajnuna meħtieġa f'dan ir-rigward inkluż permezz ta' koperazzjoni bejn il-korporazzjoni tal-Investiment Dirett Barrani (*FDI*) li tista' tkabbar is-setturi ta' *SMEs* fiż-żewġ pajjiżi. Barra minn hekk, ser inkun qed naħdem fuq diplomazija kulturali sabiex nippromwovu programmi kulturali u sħubijiet edukattivi, kif ukoll oħrajn bħall-inizjattivi turistiċi, biex ikollna relazzjonijiet bilaterali pożittivi.

Nemmen li l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ser ikun qiegħed jgħinni biex inwassal dan b'mod aktar effettiv.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- El Salvador?

Uħud mill-isfidi prinċipali jinkludu d-distanza ġeografika u konnettività, diverġenzi regolatorji, differenzi fil-mudell ta' governanza u d-diverġenza fl-istrutturi ekonomiċi. Madankollhu, Malta u El Salvador għandhom diversi aspetti komuni li jagħtu l-opportunita' għal relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-El Salvador?

Kemm Malta u El Salvador igawdu minn pożizzjoni ġeografika strateġika u jaġixxu bħala bibien għal reġjuni importanti, fejn Malta hija ċentru strateġiku fil-Mediterran, sservi bħala pont bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, filwaqt li El Salvador huwa pożizzjonat fiċ-ċentru ta' l-Amerika Ċentrali u jaġixxi bħala *gateway* bejn l-Amerika ta' Fuq u l-Amerika t'Isfel. Iż-żewġ nazzjonjiet jistgħu jużaw il-pożizzjonijiet tagħhom biex jiffaċilitaw il-kummerċ, it-turiżmu, u l-loġistika.

Iż-żewġ pajjiżi għandhom ekonomiji reżiljenti, fost oħrajn grazzi għall-adattabilità ekonomika u għall-investiment barrani. Iż-żewġ ekonomiji huma żgħar iżda miftuħa, jiddependu fuq il-kummerċ internazzjonali, s-servizzi, u l-investiment. Malta hija ċentru għall-finanzi, t-turiżmu, l-marittima', u l-*iGaming*, filwaqt li El Salvador jiffoka fuq it-turiżmu, l-esportazzjonijiet (l-aktar kafè u tessuti), u l-*fintech*. Iż-żewġ nazzjonjiet ifittxu li jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom u jattiraw l-investiment dirett barrani (*FDI*).

Iż-żewġ pajjiżi jiddependu mit-turiżmu bħala pilastru ekonomiku ewlenin. Malta tiġbed viżitaturi għall-postijiet storiċi tagħha, għall-bajjiet u l-postijiet ta' l-għadis. El Salvador qiegħed jikber fit-turiżmu ekoloġiku, it-turiżmu ta' l-avventura (*surfing*), u l-wirt tal-Maja.

Is-settur marittimu huwa aspett komuni ieħor bejn iż-żewġ pajjiżi. Malta hija ċentru marittimu ewlieni, b'wieħed mill-ikbar reġistri tal-kunsinni fl-Ewropa. El Salvador qiegħed ikabbar l-infrastruttura tal-portijiet tiegħu (fost oħrajn f'Acajutla & La Unión) biex jippromwovi l-kummerċ reġjonali.

Mill-aspett ta' stabilita' politika u impenn globali, ż-żewġ pajjiżi jinvolvu ruħhom attivament fid-diplomazija globali, minkejja ċ-ċokon tagħhom. Malta hija membru tal-UE, tal-*Commonwealth*, u tal-*United Nations*, filwaqt li El Salvador hija parti mis-Sistema ta' Integrazzjoni ta' l-Amerika Ċentrali (*SICA*) u mill-*United Nations* fost oħrajn.

Iż-żewġ nazzjonjiet huma vulnerabbli għall-bidla fil-klima; Malta għall-livelli tal-baħar li qed jogħlew u El Salvador għall-avvenimenti estremi tat-temp. Iż-żewġ pajjiżi qed jiffukaw fuq l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli fejn Malta qed tagħmel investimenti fl-enerġija solari u desalinizzazzjoni ta' l-ilma u El Salvador qed jikber fil-qasam ta' l-enerġija ġeotermali u idrawlika.

Qasam ieħor ta' kooperazzjoni jista' jkun il-qsim ta' esperjenzi dwar it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet, is-saltna tad-dritt, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi effettivi ta' bilanċi u kontrolli.

Barra minn hekk, iż-żewġ pajjiżi għandhom perċentwal sinjifikanti tal-popolazzjoni tagħhom li tgħix barra. Malta għandha komunitajiet diaspora kbar fl-Awstralja, ir-Renju Unit, il-Kanada, u l-Istati Uniti. El Salvador għandha aktar minn 2 miljun Salvadoran fl-Istati Uniti.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Bejn Ġunju 2015 u Novembru 2019, ħdimt fil-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE bħala *Senior Policy Officer* u *Social Policy Attaché* rispettivament. Matul dan il-perjodu, irċevejt diversi taħriġ rigward id-diplomazija, partikolarment fi preparazzjoni għall-Presidenza ta' Malta ta' l-UE fl-2017.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-El Salvador u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-El Salvador?

Le, dan m'huwiex il-każ.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Bejn Ġunju 2015 u Ġunju 2016, okkupajt il-kariga ta' *Senior Policy Officer* fil-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE, fejn kont ir-rappreżentanta ta' Malti fil-grupp ta' ħidma COEST (responsabbli għar-relazzjonijiet mar-Russja, l-Ukrajna u l-pajjiżi tal-iStans). F'Ġunju 2016 u

Novembru 2019, okkupajt il-kariga ta' *Social Policy Attaché*, fejn irrappreżentajt lil Malta fil-grupp ta' ħidma tal-Kwistjonijiet Soċjali u kont responsabbli għan-negozjar f'isem Malta fir-rigward tal-fajls rispettivi. Matul il-Presidenza Maltija fl-2017, kelli r-responsabbiltà li mmexxi dan il-grupp ta' ħidma u n-negozjati rispettivi (fajls ta' politiki soċjali). Fil-kapaċita' tiegħi bħala Direttur tar-Relazzjonijiet Internazzjonali u Direttur Ġenerali tal-Istrateġija tal-Edukazzjoni fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, kont ukoll responsabbli għall-koordinazzjoni tal-pożizzjoni tal-Ministeru fir-rigward ta' kwalunkwe MoUs u Ftehimiet ma' pajjiżi u entitajiet oħra.

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Bejn Ottubru 2013 u Ġunju 2015, kont impjegata fis-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea (llum magħruf bħala d-Dipartiment tal-Koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea) fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej. Matul il-karriera tiegħi, ħdimt f'diversi karigi, fosthom bħala *Senior Policy Officer* (Relazzjonijiet Esterni) fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, *Social Policy Attaché* fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (inkluż matul il-Presidenza ta' Malta fl-2017, fejn kont Chair tal-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali), Direttur tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Direttur Ġenerali responsabbli mill-Istrateġija tal-Edukazzjoni, u issa fil-kariga ta' Direttur Ġenerali responsabbli mill-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Kif indikat fil-mistoqsija preċedenti, bejn Ottubru 2013 u Ġunju 2015, kont impjegata fis-Segretarjat ta' l-Unjoni Ewropea, li llum huwa magħruf bħala d-Dipartiment tal-Koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-karigi l-oħra indikati jinvolvu ħidma mill-qrib ma' Ministri u s-Segretarjati tagħhom.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal El Salvador?

Bħalissa nokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali responsabbli mill-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, u għandi kuntratt ta' servizz mal-*Malta Foundation for the Wellbeing of Society*, fejn nikkordina proġett dwar is-sigurtà tat-tfal *online*. Dawn il-karigi m'humiex f'kunflitt mal-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal El Salvador u għandi l-ħin u l-flessibilità li jippermettuli li nkun effettiva bħala NRA, u għalhekk ser inkun qed inżomm dawn il-karigi.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal El Salvador?

Le, dan m'huwiex il-każ.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Le, dan m'huwiex il-każ.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

Le, dan m'huwiex il-każ.

---